# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM’AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Illum id-9 t’Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 799/2017 SM**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali datata it-23 ta’ Novembru, 2009, u mahruga *a tenur* tal-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru 4215/2009 fl-ismijiet:**

***BNF Bank plc***
**(C – 41030)**

**vs.**

**Simon u Rita (konjugi) Attard**
**K.I. numri 564765 M u 25968 M**
**rispettivament.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Settembru, 2017, li permezz tieghu r-rapprezentant tal-bank rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz tal-ittra ufficjali fuq riferita li saret esekuttiva fit-12 ta' Marzu, 2010, l-intimati gew kanonizzati debituri tal-bank rikorrenti fl-ammont ta' tnax -il elf, disa' mija u sitta u tmenin euro u wiehed u tletin centezmu, (€12,986.31), oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez, (ara foll 4);

1.2. Illi l-imsemmi debitu ma giex saldat, u baqa' jakkumula biex sas-17 t'Awwissu, 2017, l-istess debitu, imghax u spejjez fuq riferiti lahqu s-somma t'ghoxrin elf, tmien mija u disgha u erbghin euro, u tlieta u sittin centezmu, (€20,849.63), imqassam kif elenkat fl-istess rikors promotur, (ara foll 1 u 2);

1.3. Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin mill-gurnata li fiha l-bank rikorrenti kien f'posizzjoni li jezegwixxi dan it-titolu;

1.4. Illi *di piu`*, ghad fadal ukoll ammont dovut mill-intimati lill-bank rikorrenti;

1.5. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tawtorizza t-tigdid tat-titolu taghha kontra l-intimati biex b'hekk jezegwixxi l-istess titolu u johrog il-mandati ezekuttivi opportuni kontra l-intimati u kull Att iehor rilevanti biex jithallas il-bilanc minnhom lilu dovut;

1.5.2. Tawtorizza wkoll dawk il-provedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni skont il-kaz;

2. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Settembru, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 15);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-7 ta' Novembru, 2017, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti ghat-talbiet tal-bank rikorrenti, (ara foll 29):

3.1. Illi t-talbiet tal-bank rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, *stante*:

3.1.1. Illi l-bank rikorrenti jidentifika l-azzjoni tieghu bhala wahda intavolata taht l-artiklu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12);

3.1.2. Ili qabel wiehed jipprocedi f'dan ir-rigward jinhtieg li jkun ottjena titolu ezekuttiv taht l-wiehed mill-artikli 253(b), 253(e) jew 166A tal-Kap 12;

3.1.3. Illi wiehed ghalhekk ghandu jkollu titolu ezekuttiv li jkun irid jirravvivah;

3.1.4. Illi wiehed irid jara jekk fl-ammont involut ghandux titolu ezekuttiv li jista' jigi estiz;

3.1.5. Illi wiehed irid jara wkoll jekk dan ikunx estendibbli taht l-artiklu 258(c) tal-istess Kap 12;

3.1.6. Illi skont ir-rikors guramentat promotur qed tintalab l-ezekuzzjoni tas-somma komplessiva indikata, inkluzi l-kapital misluf, l-imghaxijiet dovuti, u l-ispejjez relattivi;

3.1.7. Illi l-bank rikorrenti qatt ma kellu titolu ezekuttiv fuq din is-somma;

3.1.8. Illi konsegwentement l-istess bank rikorrenti ma jistax jigi awtorizzat jezegwixxi l-istess somma fil-komplessita` taghha fuq indikata;

3.1.9. Illi kieku kellha tigi ordnata l-ezekuzzjoni tal-istess il-qorti tkun qed tawtorizza t-tmexxija tal-esekuzzjoni ta' parti mis-somma li ma tgawdix minn titolu ezekuttiv;

3.1.10. Illi ghalhekk it-titolu ezekuttiv kif mitlub ma jezistix;

3.1.11. Illi *di piu`*, *stante* il-limiti tal-artiklu 258(c) tal-Kap 12, it-talba ghat-tmexxija tal-ezekuzzjoni *re* l-ispejjez rigward il-mandat ta' sekwestru involut ma tistax issir;

4. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-bank rikorrenti, awtorizzat il-korrezzjoni rikjesta u s-sostituzzjoni tal-isem tal-bank rikorrenti hemm indikata, (ara foll 38);

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod prezenti:

8.1. Illi l-intimati inghataw facilita` bankarja, (ara foll 4);

8.2. Illi permezz t'ittra ufficjali datata t-23 ta' Novembru, 2009, il-bank rikorrenti ottjena titolu ezekuttiv fl-ammont hemm indikat, *oltre* l-interessi mid-data tal-istess ittra ufficjali u spejjez involuti, (ara foll 4);

8.3. Illi l-intimati kienu hallsu lill-bank rikorrenti s-somma ta' €1,364.78, (ara foll 46 u 40 rispettivament);

8.4. Illi konsegwenza tal-istess is-somma allura dovuta mill-intimati lill-bank rikorrenti hi ekwivalenti ghal ghoxrin elf, tmien mija u disgha u erbghin euro u tlieta u sittin centezmu, (€20,849.63), (ara foll 46);

Ikkunsidrat:

9. Illi l-artiklu 258(c) tal-Kap 12 rikjamat mill-kontendenti jistipula s-segwenti:

> "Wara:
>
> (c) l-gheluq ta' hames snin minn dakinhar li fih skont il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proceduri mehudin skont l-artikolu 166A seta' gie esegwit.
>
> L-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut";

10. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta p.l.c.*** **vs. Charmaine Saliba, kif rapprezentata *stante* li assenti mill-Avukat Henry Atoncich u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli bhala Kuraturi Deputati appuntati b'digriet tas-6 ta' Jannar, 2012**, datata s-**27 ta' Settembru, 2012**, fejn f'dan ir-rigward irriteniet:

> "Illi l-imsemmi artikolu tal-ligi hu mahsub biex jirregola l-ezekuzzjoni ta' titoli ezekuttivi li jkun ghadda minn fuqhom zmien minn meta setghu jkunu ezegwiti. Dan hu hekk ghaliex kull titolu ezekuttiv ghandu hajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-ezekuzzjoni tieghu. Wara li jghaddi z-zmien preskritt, tista' tithaddem il-procedura msemmija fl-artikolu 258" (tal-Kap 12);

Ikkunsidrat:

11. Illi l-intimati jsosstnu li l-bank rikorrenti ghandu titolu ezekuttiv biss fuq parti mis-somma komplessiva minnu mitluba billi titolu ezekuttiv ma jestendix ghall-ispejjez inkorsi fir-rigward tal-ittra legali minnu indikata fir-rikors guramentat promotur tieghu, (ara paragrafu numru 36 tal-istess a foll 1), u ghar-ricerki ezegwiti minnu fir-Registru Pubbliku u fir-rigward tar-registrazzjoni

rigwardanti l-ipoteki kontra l-intimati, (ara paragrafu numru 3c tal-istess rikors a foll 2);

12. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Multi Investments Limited et***, datata l-**31 ta' Mejju, 2012**, li sosstniet is-segwenti:

> "Illi minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors hu biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat, jew parti minnu, hu dovut, u dan *tramite* l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma hu rikjest skont l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smigh";
>
> "Din il-qorti tqis pero` illi s-smigh ta' rikors simili, ghalkemm mhux obbligatorju, jaghti lill-partijiet kollha d-dritt ghal smigh xieraq u biex il-qorti jkollha quddiemha kull fatt li jista' jghina tasal ghad-decizjoni taghha;
>
> "Dak li jrid jigi mistharreg u deciz hu biss jekk jezistix titolu ezekuttiv a bazi tal-artikolu 253(b) tal-Kap 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu ghadux vigenti u li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut. Jekk ir-risposta ghal dawn il-kweziti hu fl-affirmattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerga' jigi rez ezekuttiv. Billi jkun skada t-terminu, l-ligi terga ggedded a bazi tal-artikolu 258 tal-Kap 12 l-ezegwibilita` tat-titolu ezekuttiv";

Ikkunsidrat:

13.0. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* ghandu jirrizulta pacifiku li t-talba tar-rikorrenti hi effettivament limitata ghal dak rikjest mill-artiklu 258(c) tal-Kap 12 fuq riprodott, (ara paragrafu numru disgha, (9.), aktar qabel), senjatament li t-titolu rikjamat mill-bank rikorrenti hu:

13.1. Wiehed ezekuttiv;

13.2. Ghadu vigenti; u

13.3. Jezisti bilanc dovut lill-istess bank rikorrenti mill-intimati;

14.0. Illi ghalhekk jirrizulta debitament konsolidat li t-titolu ezekuttiv tal-bank rikorrenti:

14.1. Ghadu vigenti;

14.2. Qed jigi mgedded kif trid il-ligi; u

14.3. Bir-rikors promotur l-istess bank rikorrenti qieghed issa jitlob li l-istess titolu ezekuttiv jigi issa awtorizzat li jkun ezegwit;

15. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li f'atti ta' din in-natura jirrizultaw appozitament eskluzi l-ispejjez marbuta mall-ittri legali, r-ricerki fir-Registru Pubbliku u r-ricerki fir-rigward tal-ipoteki li jistghu jkunu involuti;

16. Illi in vista tal-premess ghandhom ghalhekk jigu akkolti s-sitt (6) u s-seba' (7) risposta tal-intimati – mentri ghandhom jigu wkoll respinti r-risposti l-ohra kollha tal-intimati;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi konsegwentement din il-qorti hi sodisfatta li bl-eccezzjoni fuq esposta fil-paragrafu precedenti, l-bank rikorrenti pprova t-talbiet minnu promossi f'din il-procedura u ghalhekk konformement ma dak deciz aktar qabel, (ara paragrafu numru sittax, (16.):

**DECIDE:**

17.1. Takkolji t-talbiet tal-bank rikorrenti limitatament fis-somma ta' dsatax -il elf tmin mija u tletin euro u disgha u tmenin centezmu, (€19,830.89), (eskluza s-somma ta' elf u tmintax -il euro u erbgha u sebghin centezmu, (€1,018.74), indikati fil-paragrafu numru tlieta (3) tar-rikors guramentat promotur;

17.2. Takkolji ghalhekk is-sitt (6) u s-seba' (7) risposta tal-intimati;

17.3. Tirrespingi r-risposti l-oħra tal-intimati;

17.4. Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

_______________________

Onor. Imħallef Silvio Meli

**DEĊIŻJONI FINALI**